KAMRA TAD-DEPUTATI HOUSE OF REPRESENTATIVES
PARLAMENT TA' MALTA

L-ERBATAX-IL LEĠIŻLATURA

P.L. 0752

Dokument imqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra tad-Deputati fis-Seduta Numru 39 tal-31 ta' Ottubru 2022 mill-Ispeaker, l-Onor. Anġlu Farrugia.

______________________________
Raymond Scicluna
Skrivan tal-Kamra

**GRUPP TA’ ĦBIBERIJA PARLAMENTARI - UKRAINA**

**11. L-ONOR. KAROL AQUILINA JISTAQSI LILL-ISPEAKER**: Jista’ l-Ispeaker jispjega fiex wasal il-proċess sabiex jitwaqqaf il-Grupp ta’ Ħbiberija Parlamentari bejn Malta u l-Ukraina?

23.10.2022

**SPEAKER (L-Onor. Anġlu Farrugia):** Ninforma lill-Onor. Interpellant li bħalma jsir f’kull xoljiment, il-gruppi ta’ ħidma li l-Parlament Malti kellu mwaqqfa ma’ parlamenti oħra fit-Tlettax-il Leġiżlatura ġew meqjusa li spiċċaw max-xoljiment tal-Parlament fi Frar 2022.

Fil-Leġiżlatura li għaddiet it-twaqqif u t-tħaddim ta’ gruppi parlamentari ta’ ħbiberija kien diskuss u maqbul fil-Kumitat dwar ix-Xogħol tal-Kamra. Is-Sedja tittama li tali diskussjoni ssir fil-futur qrib.

Is-Sedja tixtieq tirrileva illi fil-leġiżltura kurrenti ma rċeviet l-ebda talba sabiex jitwaqqaf grupp ta’ ħbiberija mal-Parlament Ukren.

Seduta 39
31.10.22